MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 771/2013

**Sarrebico Medical Supplies Limited**

**Vs**

**Mario VELLA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-26 ta' Novembru, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallsha s-somma ta' erba' mija erbgha u tletin euro u sitta u ghoxrin ċenteżmi ta' euro [€434.26c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Gabriel Super Prices Pieta kienu klijenti tal-kumpanija Sarrebico Medical Supplies Ltd li kienet tipprovdilhom diversi prodotti u servizzi; sabiex dawn il-prodotti u servizzi jinbieghu u jintuzaw fuq il-post tax-xoghol taghhom. Fiz-zmien gimghatejn il-kumpanija ma halsitx 2 invoices lil Sarrebico Medical Supplies Ltd waqfet tipprovdilhom ix-xoghol, sa kemm jithalsu. Wara ammont

ta' korrispondenza u telefonati li ghamlu l-impjegati ta' Sarrebico Medical Supplies Ltd lil Gabriel Super Prices Pieta, kif ukoll marru fuq il-post tax-xoghol tal-klijent, dawn xorta baqghu ma hallsux il-flus dovuti (ara d-dokument Dok. 1).

Ghalhekk, Alexis Sciberras f'isem Sarrebico Medical Supplies Ltd titlob il-kapitali u l-imghaxijiet jigu mhallsa, bl-ispejjez kontra taghhom fl-iqsar zmien possibbli".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bit-talba u l-avviz tas-smiegh fl-10 ta' Dicembru, 2013 skond il-ligi u ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra t-talba maghmula llum stess mir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti li hija tixhed illum stess, liema talba intlaqghet mit-Tribunal.

Semgha x-xhieda ta' Alexis Sciberras, *managing director* tas-socjeta rikorrenti u ta' Ramon Farrugia, *salesman* mas-socjeta rikorrenti.

Ra t-talba tas-socjeta rikorrenti sabiex it-Tribunal jghaddi ghas-sentenza llum stess peress li l-intimat baqa ma deherx ghas-seduta tal-lum. Ra li din it-talba tas-socjeta rikorrenti ġiet milqugha.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-soċjetà rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' erba' mija erbgha u tletin euro u sitta u ghoxrin ċenteżmi ta' euro [€434.26c] rapprezentanti bilanc dovut ghal diversi prodotti u servizzi li hija kienet ipprovdiet lill-intimat li kien accettahom.

Ikkunsidra;

2. **Alexis Sciberras**, *managing director* tas-socjeta rikorrenti xehdet illum stess u qalet li l-intimat ghandu jaghti lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ erba’ mija erbgha u tletin euro u sitta u ghoxrin ċenteżmi ta’ euro [€434.26c]. Dan ghal diversi prodotti li huwa kien ha minghandha. In sostenn ta’ dan, ix-xhud esebiet żewġ fatturi mmarkati bhala Dok. AS 1 u Dok. AS 2. L-ewwel fattura hija datata 3 ta’ Mejju, 2012 u l-ohra datata 15 ta’ Mejju, 2012. Ziedet tghid li fit-28 ta’ Marzu, 2013, l-intimat kien hallas l-ammont ta’ €30 lis-*salesman* tas-socjeta rikorrenti Ramon Farrugia.

3. **Ramon Farrugia**, *salesman* mas-socjeta rikorrenti xehed u qal li huwa kien jiehu l-ordnijiet minghand l-intimat u imbaghad kien jehodlu l-prodotti li huwa jkun ordna fl-istabbiliment tieghu. Ix-xhud qal li huwa kien qieghed jaghraf il-firma ta’ l-intimat fuq iz-zewg fatturi esebiti minn Alexis Sciberras kif ukoll gharaf il-firma tieghu (tax-xhud) fuq id-dokument li gie mmarkat bhala dok. AS 3. Dwar dan l-ahhar dokument, ix-xhud qal li huwa kien mar fejn jirrisjedi l-intimat u meta qallu li huwa kellhu jaghti lis-socjeta rikorrenti, dan qabad u tah l-ammont ta’ €30.

4. Ra l-*istatement* esebit a fol. 3 tal-process, mil-liema dokument jirrizulta li dan l-ammont ta’ €30 tnaqqas mill-ammont li huwa dovut mill-intimat li huwa ta’ €434.26c.

Ikkunsidra ulterjorment;

5. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta’ l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema’ u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

6. Imbaghad il-paragrafu (b) ta’ l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

7. Illi minn qari ta’ l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f’kaz li dan ma jidhirx quddiemu. Fil-kaz odjern, l-intimat gie notifikata fl-10 ta’ Dicembru, 2013 u ma deherx quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-lum. Ma tirriżulta l-ebda ġustifikazzjoni ghala l-intimat naqas li jidher quddiem it-Tribunal.

8. It-Tribunal huwa tal-fehma li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b’xi mod turi li dak li intqal mir-rapprezentanti taghha ma ghandux mis-sewwa.

9. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ erba’ mija erbgha u tletin euro u sitta u ghoxrin ċenteżmi ta’ euro [€434.26c] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru mid-data ta’ meta kienu dovuti l-ammonti mill-intimat skond il-fatturi esebiti.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------